**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 2 ta' Marzu 2017**

**Pulizija**

**Spettur Josrick Mifsud**

**Vs**

**Rita Borg**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Rita Borg, 46 sena, bint Carmelo Scerri w Dolores xebba' Muscat, imwielda Pieta', nhar l-10 ta' Gunju, 1968, residenti fil-fond numru Casa Borg, 45, Triq in-Nahal, Mosta detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 258568M;

Talli nhar il-5 ta' Mejju, 2013, gewwa l-Ghassa tal-Pulizija tan-Naxxar, u tlett xhur qabel din il-gurnata:

1) Bil-hsieb li taghmel hsara lil William Micallef, akkuzat lil din il-persuna quddiem awtorita' kompetenti b'reat, fil-waqt li kienet taf li dik il-persuna hija nnocenti;

2) Iddenunzjat lill-Pulizija Esekuttiva reat li taf li ma sarx inkella bil-qerq holqot tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Illi din il-kawza tittratta zewg reati differenti minn xulxin, wiehed ta' kalunnja u l-iehor ta' holqien qarrieqi ta' provi foloz. Il-fatti tal-kaz in ezami huma, fil-qosor, is-segwenti. Bejn is-sena 2009 u 2010, l-imputata Rita Borg kellha relazzjoni ma' William Micallef, u minn din ir-relazzjoni kienet twieldet tifla li semmewha Ilona. Kemm Borg kif ukoll Micallef kienu mizzewga lil terzi, izda ghalkemm kellhom dan il-wild, huma baqghu fiz-zwieg u ghalhekk kienu jiltaqghu biss biex jaraw it-tifla flimkien. Huma kienu bdew proceduri quddiem il-Qorti tal-Familja sabiex jirregolaw aspetti ta' kura w kustodja, access, u affarjiet ohra. F'April 2013, meta t-tifla kellha madwar tlitt snin, Borg kienet ghamlet rapport lill-Pulizija, fejn allegat li t-tifla kienet qalet li missierha kien qed imiss il-parti privata taghha. Ghalhekk il-Pulizija bdew l-investigazzjonijiet taghhom u kellmu lil Micallef, li min-naha tieghu mhux biss innega li qatt kien ghamel xi haga hekk lit-tifla, izda li qal ukoll li Rita Borg kienet riditu jitlaq lill-mara tieghu u jmur ighix maghha, u jekk ma kienx ser jaghmel hekk, kienet ha theddu li ser tirrapportah lill-Pulizija fuq abbuz fuq it-tifla. Aktar tard, f'Mejju 2013, Rita Borg kienet hadet lit-tifla l-isptar Mater Dei u insistiet li t-tifla tigi ezaminata minn tabib ghax qalet li Micallef kien abbuza lit-tifla. It-tobba infurmaw lill-Pulizija b'din is-sitwazzjoni, u ghalhekk infethet inkjesta mill-Magistrat inkwerenti. Mill-istess inkjesta irrizulta li ma kien hemm ebda sinjal ta' abbuz fiziku jew sesswali fuq il-minuri, u ghalhekk issa l-Pulizija bdiet tinvestiga lil Borg dwar il-possibilita' li kienet ghamlet rapport falz fuq Micallef. Borg giet interrogata fil-25 ta' Settembru 2014, fejn irrilaxxat stqarrija, u l-Pulizija ressqitha fit-3 ta' Ottubru 2014 akkuzata b'dawn iz-zewg reati.

Il-Prosekuzzjoni ressqet diversi xhieda f'din il-kawza, kif ukoll provi dokumentarji ohra. L-**Ispettur Josric Mifsud** xehed li l-Pulizija kienu rcevew rapport minn ghand Rita Borg li l-missier tal-wild taghha kien qed jabbuza mit-tifla. Ir-rapport tal-okkorrenza gie esebit fl-atti. Hu spjega x'kien fih ir-rapport, u l-investigazzjonijiet maghmula mill-Pulizija. Peress illi kien ghadda kwazi xahar u Rita Borg baqghet taghmel rapporti fuq hekk, l-Ispettur talab li tinfetah inkjesta mill-Magistrat inkwerenti. Din giet konkluza f' Ottubru 2013, fejn l-esperti mahtura mill-istess Magistrat ikkonkludew li ma kien hemm ebda abbuz fuq il-minuri. Ir-rapport tal-inkjesta wkoll jinsab esebit fl-atti. Ghalhekk l-Ispettur Mifsud baghat ghal Rita Borg u hadilha stqarrija, esebita fl-atti. F'dik l-istqarrija Borg tispjega fid-dettall il-problemi li kellha fir-relazzjoni ma' Micallef u x'kien qed jinqala' bejnhom u bejn il-familji rispettivi

taghhom, kif anke irrisulta mir-rapport tal-okkorrenza tal-Pulizija. Imbaghad l-Ispettur ressaq lil Rita Borg b'dawn l-akkuzi.

Xehed ukoll **William Micallef**, il-parti leza, li qal li r-relazzjoni tieghu ma' Rita Borg kienet bdiet fl-2007, u damet madwar tlitt snin. Minn din ir-relazzjoni twieldet tifla li semmewha Ilona. Huma t-tnejn kienu mizzewgin lil terzi, izda minkejja li kien hemm din ir-relazzjoni bejniethom, huma ghazlu li jibqghu fiz-zwieg. Spjega kif kienet ir-relazzjoni taghhom, kif spiccat, u kif Rita Borg bdiet theddu li ser tirrapportah lill-Pulizija fuq abbuz fuq it-tifla. Hu qal li Borg qalet lill-mara tieghu li hu (William Micallef) kien qed jabbuza mit-tifla, u l-mara tieghu baqghet iccassata. Sussegwentement mar l-ghassa jirrapporta dan. Xehdet **Martina Testa**, social worker mal-Agenzija Appogg, li kienet tqabbdet mill-Qorti tal-Familja sabiex taghmel rapport dwar l-allegazzjoni ta' abbuz mill-missier fuq il-minuri. Hi ppresentat kopja tar-rapport li kienet tat lil dik il-Qorti, f'liema rapport qalet li ma sabet ebda abbuz minn William Micallef, anke meta tkellmet mal-minuri. F'dan ir-rapport ikkonkludiet ukoll li kellha diffikulta' fejn temmen lill-minuri u fejn ma temminhiex, minhabba f'dak li kienet qed tghid Rita Borg. Qalet li lil Borg ratha ansjuza hafna, u li t-tifla tinsab imhawda min hu verament missierha, haga li ghandha tigi ccarata maghha. Ikkonkludiet li t-tifla ghandha tattendi ghal sessjonijiet ta' terapija biex taghraf x'inhuma l-boundaries socjali ma' persuni ohra, u rroakkomandat li tibqa' taht supervizjoni. Xehdet ukoll l-ghalliema tal-minuri, **Veronique Attard**, li izda ma ftakret xejn fuq il-kaz.

Il-Prosekuzzjoni tellghet lil **Carmen Sammut**, li kienet giet inkarigata wkoll mill-Qorti tal-Familja bhala psikologa klinika. Hi esebiet kopja tar-rapport li kienet tat lil dik il-Qorti, u qalet li lit-tifla ma ratilha ebda imgieba li setghet kienet soggetta direttament ghal abbuz fuqha, izda qalet li jista' jkun li kienet giet esposta ghal imgieba sesswali bejn adulti. Xehed ukoll **David Grillo**, 'psychotherapist', li kien gie mqabbad mill-Qorti tal-Familja, izda li kien lahaq temm l-inkarigu tieghu fis-sena 2012, jigifieri qabel ma nqala' dan il-kaz. Xehdet **Teresa Micallef**, mart il-kwerelant, li qalet li Rita Borg qaltilha li William kien qed jabbuza mit-tifla, fid-dar taghhom stess. Meta allura hi qalet lir-ragel taghha dan id-diskors li kienet qalet Rita Borg fuqu, hu innega bil-qawwa kollha li qatt ghamel hekk. Qalet ukoll li Borg kienet iccemplilha ta' spiss biex iddejjaqha. In kontro ezami, qalet li hi kienet tat in-numru tat-telephone tad-dar taghha lil Rita Borg. Hi nnegat li kienet hi li l-ewwel gibdet l-attenzjoni ta' Rita Borg li William kien qed jabbuza mit-tifla. Qalet li kienet il-kontra, li Borg qaltilha dak id-diskors.

Il-Qorti kienet innominat ukoll lil **Dr Stephen Farrugia Sacco** bhala espert biex jeleva certu informazzjoni minn cellulari tal-imputata. Ir-rapport jinsab esebit fl-atti, u fih jikkonferma li Tereza Micallef kienet fil-fatt tat in-numru tad-dar taghha lil Rita Borg. B'hekk il-Prosekuzzjoni kienet ghalqet il-provi taghha.

In difesa, l-imputata ma xehditx. Bhala xhud giet prodotta **Jennifer Zammit**, counsellor u family therapist, li ppresentat zewg rapporti li kienet ghamlet f'April u f'Mejju 2013. F'dawn

ir-rapporti hi qalet li kienet irrapportat il-kaz kollu lill-Agenzija Appogg sabiex jinvestigaw huma. Qalet ukoll li t-tifla wriet mgieba li setghet tindika li kien hemm abbuz sesswali, u li l-imgieba taghha ma kienetx tikkorrespondi mal-eta' tenera taghha.

Mill-provi prodotti l-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha lil'hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Fl-ewwel lok, l-imputazzjonijiet jittrattaw zewg reati differenti, distinti u separati minn xulxin, li jidher ghalhekk li mhumiex alternattivi ghal xulxin. Il-Qorti, izda, semghet biss provi fuq kalunnja. Ma gew prodotti ebda provi li l-imputata b'xi mod holqot tracci ta' reat fil-konfront ta' Micallef. Huwa minnu li hi kienet iddenunzjatu b'abbuz ta' minorenni, izda minn imkien ma rrisulta li biex ghamlet hekk, holqot tracci ta' reat li setghu wasslu li Micallef jigi inkriminat. Ghalhekk minn din l-imputazzjoni, il-Qorti sejra tillibera lill-imputata. L-istess imputazzjoni ghandha parti ohra, jigifieri li ddenunzjat lill-Pulizija reat li kienet taf li ma sarx. Hawnhekk ukoll, fil-fehma tal-Qorti, ma giex ippruvat li Rita Borg kienet taf li ma kien sehh ebda reat, u li minkejja kienet taf dan, xorta iddenunzjat l-istess reat.

Anzi, fil-fehma tal-Qorti, il-provi prodotti wrew proprju l-kuntrarju. Irrisulta mill-atti li kien hemm il-htiega ta' aktar investigazzjoni waqt il-kaz tas-smigh fil-Qorti tal-Familja. Hemmhekk tqabdu diversi professjonisti li xehdu wkoll f'dawn il-proceduri. Dawn il-professjonisti, ghalkemm jeskludu li kien hemm abbuz fuq it-tifla, xorta esprimew it-thassib taghhom li hi setghet kienet esposta ghal imgieba sesswali adulta. Aktar minn hekk, ix-xhud prodott mid-difiza waslet ghal konkluzjoni differenti minn dik tal-professjonisti l-ohra. Ghalkemm Jennifer Zammit hija espert imqabbda *ex parte*, xorta l-Qorti temmen li din ser tfittex dak li hu ta' gid ghall-minuri, minghajr interessi ulterjuri. Finalment, ix-xhieda ta' Tereza Micallef ma kkonvincietx lill-Qorti. Ma jaghmel ebda sens li hi tghid li Rita Borg kienet iccemplilha ta' spiss, u mbaghad taghtiha minn jeddha n-numru tad-dar taghha, biex tkompli ccemplilha u ddejjaqha.

Tenut kont ta' dawn il-fatturi, tenut kont ukoll li Rita Borg u William Micallef kellhom relazzjoni bejniethom xejn felici u mimlija problematici, il-Qorti hi tal-fehma li Borg ghamlet rapport legittimu fil-konfront ta' Micallef. Dan bl-ebda mod ma jfisser li Micallef kien fil-verita' qed jabbuza mit-tifla tieghu, u l-anqas ma tista' – jew ghandha – din il-Qorti tqis jew tinvestiga hi tali allegazzjoni. Jirrizulta, pero', li kien hemm indikaturi li setghu iwasslu wiehed x'jifhem li l-imgieba ta-tifla kienet qed tqajjem mistoqsijiet. Il-Prosekuzzjoni ma wrewx li r-rapporti li saru minn Borg fil-konfront ta' Micallef saru b'qerq jew ingann jew biex taghmillu hsara. Ghal din il-Qorti r-rapporti jidhru legittimi f'dak l-istadju u f'dak il-kuntest.

Fl-ahhar lok, il-Qorti tawgura li kemm Rita Borg kif ukoll William Micallef jaghrfu li huma genituri ta' wild, u li ghalhekk, tajjeb jew hazin, ghandhom responsabbiltajiet flimkien lejn l-istess wild, u jkun hafna ahjar ghal kulhadd jekk igibu ruhhom ta' adulti responsabbli quddiem il-minuri.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 101 u 110(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Din il-Qorti mhix qieghda ssib lill-imsemmija imputata hatja tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u ghalhekk qieghda tilliberaha minn kull akkuza.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputata.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**